Provinċja Karmelitana Maltija
2016



# IR-RUŻARJU MQADDES

## Nitolbu ma' Santa Marija Maddalena de' Pazzi

Sensiela
Nitolbu ma’ Santa Marija Maddalena de’ Pazzi

- 2 -

# IR-RUŻARJU MQADDES

Provinċja Karmelitana Maltija
Malta 2016

Disinn tal-qoxra, kummenti u testi miġbura u maqluba għall-Malti minn Charlò Camilleri, O.Carm.
Ritratt tal-faċċata: Victor Paul Farrugia Ciarlò, O.Carm.
Issettjar: Glen Attard, O.Carm.
Mitbugħ: Salesian Press, Tas-Sliema.

Drittijiet tal-Istampa Riżervati:
© Provinċja Karmelitana Maltija, 2016

ISBN: 978-99957-860-2-1

# I
# Ħajjitha fil-qosor

Santa Marija Maddalena de' Pazzi twieldet nhar it-2 ta' April 1566 mill-familja nobbli de' Pazzi li kellha influwenza mhux żgħira fil-ħajja politika u soċjali ta' Firenze. Fil-familja de' Pazzi nsibu wkoll il-figura qaddisa tal-Beata Katarina de' Pazzi, soru Franġiskana, li mietet fl-età ta' 29 sena. Camillo Geri de' Pazzi, missier il-qaddisa tagħna, kien igawdi rispett kbir mill-familja de' Medici u ntgħażel ukoll bħala kummissarju u gvernatur tal-Gran Duka. Camillo żżewweġ lil Maria di Lorenzo Buondelmonti nhar l-1 ta' Ottubru 1559 u minn dan iż-żwieġ twieldet il-qaddisa tagħna li fil-magħmudija ngħatalha l-isem ta' Caterina u fil-Griżma dak ta' Lucrezia, isem li qatt ma ħamlet u qatt ma użat minħabba l-konnotazzjonijiet xejn sbieħ marbutin mal-magħrufa Lucrezia Borgia (+1519).

Caterina, bil-maqlub, sa minn tfulitha ddistingwiet ruħha għall-ġibda lejn Alla u l-ħwejjeġ qaddisa, speċjalment fit-taħdita intima ma' Alla fit-talb u l-meditazzjoni u l-ħarba mill-frugħat tal-ħajja nobbli li kienet imdawwra bihom, minkejja li kemm ommha u missierha kienu nies devoti u nsara twajba. Kienet

tingħata b'ruħha u ġisimha għall-karità u l-għemejjel tal-ħniena. Bħala tfajla nobbli rċeviet l-edukazzjoni tagħha għand is-Sorijiet Cavalieresse di Malta, li nafuhom bħala s-Sorijiet ta' Santa Ursola. Hawnhekk irċeviet l-Ewwel Tqarbina u ftit wara għamlet il-vot personali tal-verġnità. Fil-familja kellha konfessuri Ġiżwiti u tħarrġet minnhom fil-meditazzjoni u l-imħabba lejn l-Ewkaristija. Nibtet fiha sa minn ċkunitha s-sejħa għall-ħajja reliġjuża u l-ewwel kellha l-ħsieb li tissieħeb mal-Klarissi imma mbagħad issieħbet mal-Karmelitani minħabba li kienet iktar miġbuda lejn spiritwalità mibnija fuq l-imħabba mistika ta' Alla u ta' Marija. Nhar it-30 ta' Jannar 1583 għamlet il-vestizzjoni u ħadet l-isem ta' *Suor Maria Maddalena del Verbo Incarnato*. F'Mejju tal-1584 kellha tagħmel il-professjoni reliġjuża b'urġenza minħabba marda, aktarx tuberkolożi, li wasslitha f'xifer il-mewt. Minn dakinhar sal-1590 "sofriet" esperjenzi mistiċi qawwija li baqgħet magħrufa għalihom bħala l-akbar estatika fl-istorja tal-Knisja. Minn dawn is-sitt snin ħarġu l-manuskritti mimlija bid-duttrina mistika tal-qaddisa miġbura minn fommha stess waqt it-taħdit tal-estażijiet. L-għerf u l-profondità li joħorġu minn dawn il-manustkritti huwa tassew tal-għaġeb meta tqis li f'dan il-perjodu kellha minn 18 sa 24 sena u wkoll li qatt ma studjat teoloġija u filosofija! Ta' min isemmi iżda l-qari assidwu li kienet tagħmel u wkoll il-formazzjoni soda li ngħatat fil-monasteru mill-konfessuri u l-predikaturi li

tagħhom għad għandna miżmuma b'għożża t-traskrizzjonijiet tal-konferenzi. Il-kitbiet mistiċi tagħha miġbura f'erba' volumi manuskristti, jistgħu jinqasmu fi tnejn: 1) mill-1584 sal-1585: għarfien tal-misteru tal-grazzja u espożizzjoni kollha dawl tal-misteri ta' Alla u 2) mill-1585 sal-1590: għarfien profond tal-misteru tal-ħażen u espożizzjoni tal-qagħda mwegħra li fiha ninsabu personalment u kollettivament f'dinja u Knisja li jinsabu 'l bogħod minn Alla. Il-manuskritti jġibu l-isem ta' *Ktieb l-Erbgħin Jum*, *Ktieb it-Taħdit*, *Ktieb ir-Rivelazzjoni u Tidwil* u *Ktieb it-Tiġrib*. Għandha wkoll ittri mqanqla lill-Papiet u nies influwenti għar-riforma urġenti tal-Knisja, kif ukoll sentenzi u pariri għall-ħajja spiritwali.

Il-bqija ta' ħajjitha sal-1607 Marija Maddalena għaddiethom fil-moħbi u s-skiet kontemplattiv taqdi lil ħutha s-sorijiet u lil kull min kien iħabbat il-bieb tal-Monasteru għall-pariri tagħha, fosthom ir-Reġina ta' Franza Maria de Medici. Kellha għal qalbha r-riforma tal-Knisja u kienet iżżomm ruħha aġġornata fit-taqlib tax-xiżmi li fflaġellaw il-Knisja fil-Ġermanja, Franza, l-Ingilterra u l-bqija. Għal kulħadd hija kienet tassew omm spiritwali u d-diliġenza tagħha speċjalment fil-konfront tal-foqra u l-morda kienu tassew eżemplari, hekk li bosta kienu jqisuha omm spiritwali u materjali. Mietet nhar il-25 ta' Mejju 1607 wara żmien ta' tbatija ġewwenija, fiżika u mentali li waħħditha għal kollox ma' Kristu Msallab li jgħajjat: "Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?". Il-fama tal-qdusija

tagħha xterdet mill-ewwel u sena wara mewtha saret l-eżumazzjoni tal-fdalijiet fejn ġisimha nstab sħiħ, kif għadu sa llum. Ġiet beatifikata mill-Papa Urbanu VIII nhar it-8 ta' Mejju 1626 u kanonizzata mill-Papa Klement IX nhar it-28 ta' April 1669. Il-Papa Benedittu XVI fl-2007 għarafha bħala "għalliema tal-ħajja spiritwali għal kulħadd u b'mod partikulari għas-saċerdoti li lejhom dejjem żammet f'qalbha imħabba qawwija".

## II
## Kelmtejn fuq is-Sensiela

Is-sena 2016 tfakkar l-450 sena mit-twelid ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi, Karmelitana, li flimkien ma' Santa Tereża ta' Ġesù hija meqjuma bħala s-Serafin tal-Karmelu minħabba l-ħeġġa kbira tal-imħabba għal Alla, għas-salvazzjoni tal-bnedmin u għat-tiġdid tal-Knisja. Il-Karmelu huwa skola ta' talb u jekk l-Ordni Karmelitan ikkontribwixxa xi ħaġa għall-Knisja matul iż-żminijiet kien proprju f'dan il-qasam, għax minnu ħarġu l-għalliema l-kbar għall-ħajja tar-ruħ fil-Knisja. Santa Marija Maddalena de' Pazzi hija waħda minn dawn l-għalliema, kif għarfu tajjeb il-Papa Benedittu XVI fl-2007 kif ukoll il-Papa Franġisku fil-ftuħ tal-anniversarju ta' din is-sena. Għaldaqstant il-Provinċja Karmelitana Maltija ħasbet biex tiċċelebra dan l-anniversarju tat-twelid ta' din il-qaddisa billi l-ewwel u qabel kollox noffru lill-Insara f'pajjiżna strumenti li jgħinu fil-

mixja spiritwali fuq il-passi u t-tagħlim tagħha. Huwa meta nibdew nieħdu bis-serjetà l-ħajja tat-talb tagħna li tassew inkunu nistgħu niġġeddu personalment u nkunu wkoll strumenti ta' tiġdid fil-Knisja. Ħsibna għalhekk li matul din is-sena 2016-2017 nippublikaw sensiela ta' ktejbiet, li jgħallmuna u jgħinuna nitolbu. L-ewwel minn din is-sensiela fih il-metodu ta' meditazzjoni jew *Lectio divina* użat minn Santa Marija Maddalena de' Pazzi flimkien ma' xi talbiet li slitna mill-kitbiet tagħha li jistgħu jintużaw kemm mal-meditazzjoni jonkella għalihom f'mumenti oħra ta' talb personali jew komunitarju. Dan it-tieni ktejjeb jagħtina r-Rużarju Karmelitan, b'sitt posti għal kull serje ta' misteri b'silitet qosra mill-Kotba Mqaddsa u mill-kitbiet tal-Qaddisa, maħsubin biex jgħinuna nimmeditaw il-misteri.

Jalla din il-pubblikazzjoni tqanqal fina l-ħeġġa għal Alla u għat-tiġdid tal-ħajja nisranija li kienu tant għal qalb Santa Marija Maddalena de' Pazzi.

25 ta' Mejju 2016

# III
# Ir-Rużarju Mqaddes tal-Verġni Marija

*L-Iżvilupp tat-talba tar-Rużarju tul is-sekli.*

Ir-Rużarju ġie ffissat fil-forma li nafu llum mill-Papa San Piju V bil-Bulla *Consueverunt* tas-sena 1569. Madanakollu nafu li din it-talba hija ħafna eqdem. Fil-fatt nistgħu ngħidu li din it-talba rat żviluppi kbar mis-seklu 12 sas-seklu 16. Fis-seklu 12 daħlet b' devozzjoni d-drawwa li tiġi rreċitata ta' spiss matul il-jum it-tislima biblika tal-Anġlu Gabrijel lill-Verġni Mbierka: *Sliem għalik Marija*. Ta' min jgħid li din kienet ukoll tingħad fil-liturġija bħala antifona fil-quddiesa tar-raba' Ħadd tal-Avvent. Din id-devozzjoni ġiet ispirata minn drawwa monastika li kienet tikkonsisti fir-reċtar ta' 150 Missierna. Dawn il-150 Missierna kienu jingħadu mill-monaċi jew eremiti li ma kenux jafu jaqraw u għalhekk ma setgħux jitolbu l-150 Salm fil-Liturġija tas-Sigħat mal-kjeriċi. Iċ-Ċertożini wkoll kellhom id-drawwa tat-talba ta' 150 *Sliema u Qaddisa* magħrufa bħala s-*Salterju ta' Marija.*

B'eżempju ieħor nistgħu insemmu li l-Karmelitani fir-Regula li kitbilna San Albert bejn is-snin 1206 - 1214 insibu hekk: "Dawk li jafu jgħidu t-Talb tas-Sigħat mal-kjeriċi, għandhom jgħiduh skond id-dispożizzjonijiet tas-Santi Padri u d-drawwa mwettqa mill-Knisja. Dawk li ma jafuhx, għas-sahra ta' bil-lejl, jgħidu ħamsa u għoxrin Missierna, barra mill-Ħdud u l-festi

solenni li fl-uffiċċju tagħhom ta' bil-lejl l-għadd imsemmi rridu li jkun daqshekk darb'oħra, hekk illi l-Missierna tingħad għal ħamsin darba. Din it-talba tingħad għal seba' darbiet fit-talb ta' filgħodu. Fis-sigħat l-oħra tingħad ukoll l-istess talba għal seba' darbiet f'kull siegħa, barra mill-uffiċċju ta' filgħaxija li għandkom tgħiduha għal ħmistax il-darba" (Regula, 8). Eżempju tal-użu ta' din il-kuruna nsibuh fil-Beatu Titu Brandsma, martri Karmelitan tat-Tieni Gwerra Dinjija, li minħabba li ma setax jitlob il-Brevjar fil-Kamp ta' Konċentrament talab il-permess lill-Pirjol tiegħu, bil-miktub, biex jgħid "il-Brevjar tal-Frajiet".

L-ewwel ma nsibu s-*Sliema* u l-*Qaddisa* kif nafuha llum huwa fi Brevjar Ċertożin tas-seklu 13 u fis-seklu 15, Duminku Hélion tal-Prussja minn Kolonja, monaku Ċertożin, li kien ibati bid-dipressjoni u allura ftit li xejn seta' jitlob, daħħal il-meditazzjoni ta' xi misteri mill-ħajja ta' Ġesù u qassamhom biex jingħadu flimkien bil-galbu ma' ħamsin *Sliema* u *Qaddisa*. Kienet fil-fatt it-talba kontemplattiva tar-Rużarju li qalgħatu mid-dipressjoni. Huwa jikteb hekk: "Mhux meħtieġ tant li tiffissa fuq il-kliem, imma skont ma tista' u teħtieġ tawwal u qassar ir-riflessjoni siekta tiegħek fuq il-misteru li qed tikkontempla fis-siegħa ddedikata għat-talba tar-Rużarju". Mela l-għan tar-Rużarju, bħal dak tat-*Talba ta' Ġesù* fost l-Insara tal-Lvant, huwa li mit-talb tal-fomm naslu għat-*talba tal-qalb* fil-kontemplazzjoni siekta tal-misteri ta' Alla u f'għaqda sħiħa miegħu.

Mal-misteri tal-Ferħ, Tbatija u Glorja, Duminku daħħal ukoll il-misteri tad-Dawl kif nafuhom illum. Biż-żmien dawn żdiedu ħafna fin-numru. Fis-seklu 16, monaku Ċertożin ieħor, Enriku ta' Kalkar, qassam ħmistax il-posta tar-Rużarju b'għaxar *Sliema* u *Qaddisa* li kellhom jingħadu bejn il-Missierna u l-Glorja. Fl-istess żmien id-Dumnikan Alan de la Roche li kien midħla taċ-Ċertożini xerred ir-Rużarju mal-Ordni Dumnikan flimkien mat-tradizzjoni tar-Rużarju mwaqqaf minn San Duminku (1170-1221). Iċ-Ċisterċensi kellhom id-drawwa ta' madwar mitt misteru, wieħed għal kull *Sliema* fejn jissemma' l-isem ta' Ġesù. Il-Beatu Papa Pawlu VI ipprova jerġa jdaħħal din id-drawwa mill-ġdid. Nistgħu ngħidu li għalkemm ħafna Ordnijiet reliġjużi kellhom il-mod proprju tagħhom kif jgħidu din it-talba, id-Dumnikani fil-fatt baqgħu magħrufin għat-tixrid tar-Rużarju, talba li kienet wisq għal qalb ħafna qaddisin u għadha sal-lum popolari ħafna. Mill-Ordni Dumnikan fil-fatt xterdu ħafna l-konfraternitajiet tar-Rużarju. Omm Santa Marija Maddalena de' Pazzi, kienet twaqqaf il-konfraternitajiet tar-Rużarju kull fejn tmur fil-vjaġġi tagħha mar-raġel waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala tal-Gran Duka ta' Firenze.

Ta' min isemmi li t-tradizzjoni Karmelitana matul iż-żminijiet ħolqot il-modi proprji tagħha ta' kif jintalab ir-Rużarju. It-tradizzjoni Karmelitana titfa' din it-talba lura lejn Pietru l-Eremita. Ir-Rużarju msejjaħ "il-Kuruna ta' Tnax-il Kewkba", li fih tliet *Missierna* u tnax il-*Sliema* u *Qaddisa* f'ġieħ it-tnax il-virtù ewlenin

ta’ Marija, jingħad li jsib l-għeruq tiegħu fid-drawwa ta’ San Pietru l-Eremita li kien jgħammar mal-ewwel ġenerazzjoni ta’ rħieb fuq il-Karmelu flimkien ma’ San Bertoldu u li kien jitla’ fuq il-quċċata tal-għolja, fejn Elija kien ra s-sħaba ċkejkna tiela’ mill-baħar, sabiex jgħid numru ta’ *Sliema* u *Qaddisa*. Insibu wkoll forom tar-Rużarju Karmelitan bi ħmistax il-*Sliema* u xi drabi wkoll b’sitta u tletin *Sliema* u sebgħa *Missierna*. Fis-seklu 15 il-Beata Ġwanna Scopelli ħolqot Rużarju imsejjaħ *il-Libsa ta’ Marija* li kien jikkonsisti fi ħmistax-il posta ta’ mitt *Sliema* u *Qaddisa* bis-*Salve Regina* bejn posta u oħra. Dan ir-Rużarju kien jintemm bit-talba tal-*Ave Maris Stella* jew *O Gloriosa Domina* irrepetuta għal seba’ darbiet.

L-iktar forma popolari ta' Rużarju fl-Ordni Karmelitan kien imqassam f’sitt posti bit-talba tas-*Sliema* li kellha tingħad għal għaxar darbiet. Santa Tereża ta’ Ġesù xerrdet id-drawwa tar-Rużarju b’sitt posti tal-Misteri tal-Ferħ, Tbatija u Glorja li b’kollox jagħmlu tmintax-il Misteru. Il-Misteri miżjuda huma dawn: tal-Ferħ jibdew bl-ewwel posta li tfakkar il-Misteru tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija; tat-Tbatija jintemmu bl-aħħar posta li tfakkar it-Tqegħid tal-Ġisem mejjet ta’ Ġesù fi ħdan Marija Addolorata; tal-Glorja jintemmu bl-aħħar posta li tfakkar il-Patronat Ewlieni u Waħdieni tal-Verġni Marija fuq l-Ordni Karmelitan. Ta' min isemmi hawnhekk ukoll li sas-snin sittin kienet komuni f’xi provinċji tal-Ordni, bħal ngħidu aħna dik Olandiża, li l-Patrijiet idendlu Kuruna tar-

Rużarju b'sitt posti ma' qaddhom. Din id-drawwa għadna nsibuha komuni fost il-Karmelitani Skalzi u f'xi monasteri u eremitaġġi Karmelitani. Il-kuruna Karmelitana tar-Ruzarju ggib domna li fuq naħa turi l-Madonna tal-Karmnu u fuq l-oħra l-Qalb ta' Ġesù jew San Ġużepp. Id-domna tkun mehmuża mal-kurċifiss jew floku u tintlibes maċ-ċintura tat-tonka.

Fil-Knisja, l-Papiet kollha ibda minn San Piju V taw ħafna tagħlim fuq ir-Rużarju b'ħafna ittri, enċiklići, eżortazzjonijiet u diskorsi li fihom dejjem urew is-siwi u s-sbuħija ta' din it-talba li tgħinna ngħixu mill-ġdid il-misteri tal-fidwa tagħna fit-talb, flimkien ma' Marija Omm Ġesù. Il-Papa San Ġwanni Pawlu II f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena tal-Pontifikat tiegħu u f'għeluq il-mija u għoxrin sena mill-Enċiklika *Supremi Apostolatus Officio* tal-Papa Ljun XIII, li titkellem fuq ir-Rużarju, wera x-xewqa li fost l-insara tiġġedded din il-forma ta' talba. Għalhekk, bħalma lkoll nafu nieda fis-sena 2001, is-Sena tar-Rużarju u ħareġ l-Ittra Apostolika *Rosarium Virginis Mariae*. F'dan il-kuntest, San Ġwanni Pawlu II żied mal-ħmistax il-posta tradizzjonali, il-Misteri tad-Dawl, li joffrulna riflessjoni fuq il-ħajja pubblika ta' Ġesù u qishom jgħaqqdu l-Misteri tal-Ferħ mal-Misteri tat-Tbatija. Ix-xewqa għal tiġdid f'din it-talba marjana diġà kienet murija mill-Papa Beatu Pawlu VI fl-Ittra Apostolika *Marialis Cultus*. Papiet oħra, bħal San Ġwanni XXIII u l-Qaddej ta' Alla Ġwanni Pawlu I, kellhom għal qalbhom din it-talba u xtaqu wkoll li tiġġedded.

*Dwar din l-edizzjoni tar-Ružarju Meditat*

Fl-Ittra Apostolika tiegħu *Rosarium Virginis Mariae*, il-Papa San Ġwanni Pawlu II wera x-xewqa li l-poplu ta' Alla jkollu għajnuniet ġodda biex ikun jista' jġedded il-mod ta' kif tingħad din it-talba bir-riflessjoni ħalli lkoll nidħlu fil-qalba tal-misteri tal-fidwa. Dan ir-Ružarju Meditat li qegħdin nippreżentaw huwa dak Karmelitan b'sitt posti għall-Misteri tal-Ferħ, tad-Dawl, tat-Tbatija u tal-Glorja. Waqt li żammejna mat-tradizzjoni Karmelitana fil-posti tal-Ferħ, Tbatija u Glorja, il-posta miżjuda fil-Misteri tad-Dawl hija dik tat-Tluq ta' Ġesù mid-Dar ta' Marija f'Nażaret għall-missjoni pubblika, misteru għal qalb xi awturi u mistiċi Karmelitani. Għal kull misteru hemm silta mill-Iskrittura Mqaddsa u wkoll silta qasira bi ħsieb jew talba fuq il-misteru li jkun qiegħed jiġi kkontemplat. Il-ħsieb qasir huwa meħud mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi (1566-1607), li kellha mhabba qawwija lejn il-Verġni Mbierka Marija u lejn il-misteri tal-fidwa tagħna, l-aktar dawk tal-Inkarnazzjoni u tal-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù, ikkontemplati fil-misteri tar-Ružarju. L-imħabba lejn ir-Ružarju l-Qaddisa xorbitha mingħand ommha Maria di Lorenzo Buondelmonti. Fil-monasteru Karmelitan ta' Firenze għad hemm miżmuma b'għożża l-kuruna tar-Ružarju użata mill-Qaddisa. Għaldaqstant, fl-okkażjoni tal-450 sena minn twelidha qegħdin nippreżentaw dan ir-Ružarju Meditat lill-pubbliku permezz ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-

Rużarju jħalli tassew frott spiritwali jekk aħna nimmeditaw fuq il-misteri tal-fidwa u mhux nikkuntentaw biss li nsemmuhom u nlissnu s-*Sliem għalik* u l-*Missierna* b'mod mekkaniku.

Jalla fil-kontemplazzjoni tal-misteri tal-fidwa u t-talb nitħeġġu biex nilbsu l-istess sentimenti ta' Marija li kienet l-ewwel waħda li għexet il-misteri tal-ħajja, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. Aħna għalhekk mistednin inħarsu u nikkontemplaw il-Wiċċ ta' Kristu bl-għajnejn ta' Marija Ommu. Dan nistgħu nagħmluh jekk inżommu ħajja t-tifkira ta' Ġesù, kif għamlet Marija, li kif jgħidilna l-Evanġelista San Luqa, "kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ u toqgħod taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha" (Lq 2:19,51).

# IR-RUŻARJU  KARMELITAN

*b'siltiet bibliċi u riflessjonijiet mill-kitbiet ta'  Santa Marija Maddalena de' Pazzi, Karmelitana*

# IR-RUŻARJU MQADDES

## It-Talb tal-Bidu

**R./** Fl-Isem tal-Missier, ta' Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.
**V./** Amen.

***Fuq is-salib tal-kuruna jingħad:***
Il-Kredu

***Fuq iż-żibeġ ta' mas-salib jingħadu:***
Il-Missierna, Is-Sliem għalik Marija (x3), Il-Glorja

***Fuq id-domna jingħad it-talb tal-bidu:***
Alla tagħna isma' t-talb tagħna, eħles għinna u ieqaf magħna. Glorja lill-Missier...

Marija Santissima uri li inti Ommna għalik jisma' t-talb tagħna, Ġesù li twieled għalina ried ikun Ibnek, bħalna.

O Ġesù tiegħi aħfrilna dnubietna ħarisna min-nar ta' l-Infern, ħu l-Ġenna l-erwieħ kollha, u għin lil dawk li l-aktar jeħtieġu l-ħniena tiegħek.

## *Il-Kontemplazzjoni tal-Misteri*

*Wara t-talb tal-bidu jiġu kkontemplati l-misteri tal-fidwa, waqt li tingħad il-Missierna, għaxar Sliema u Qaddisa u l-Glorja.*

**Nikkonsidraw u nikkontemplaw:**

# Il-Misteri tal-Ferħ

*(jingħadu nhar ta' Tnejn u nhar ta' Sibt)*

1. ***It-Tnissil bla Tebgħa tal-Imqaddsa dejjem Verġni Marija*.**

**Mill-Ittra lill-Efesin.**

Mbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li berikna b'kull xorta ta' barka spiritwali, fis-smewwiet fi Kristu. Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba. Iddestinana minn qabel li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu; hekk għoġob lir-rieda tajba tiegħu, għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu, li biha mliena fil-Maħbub tiegħu. Fih aħna għandna l-fidwa bid-demm tiegħu, il-maħfra tad-dnubiet, skond l-għana tal-grazzja tiegħu. Biha fawwarna fl-għerf u l-għaqal kollu. Fih aħna wkoll konna magħżula, iddestinati minn qabel, skond il-pjan imfassal minn qabel minn min imexxi kollox skond il-fehma tar-rieda tiegħu, sabiex inkunu għat-tifħir tal-glorja tiegħu, aħna, li, sa minn qabel, konna nittamaw fi Kristu.

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Hekk kif is-safa għaqqad ħaġa waħda il-Verb ma' Marija, hekk issa s-safa mnaqqax fil-qalb mogħtija lilna minn Ġesù twaħħadna miegħu.

**2.** ***Meta l-Anġlu Gabrijel ħabbar lil Sidtna Marija li kellha tkun Omm Alla.***

**Mill-Evanġelju skond San Luqa.**

Tibżax Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù.
L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek, dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla.
Imbagħad qalet Marija: "Ara jiena l-qaddejja tal-Mulej ħa jsir minni skond kelmtek".

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Il-Verb niżel f Marija, għax inġibed mis-safa u l-umiltà tagħha. Ġesù għaqqad il-ħlejqa mal-Ħallieq u Marija għaqqdet id-Divinità ma' l-umanità.  Agħmel, O Marija, li bħalek jiena wkoll niġbed fija lil Alla bis-safa u l-umiltà.

3. ***Meta Sidtna Marija marret iżżur lil qaribitha Eliżabetta.***

**Mill-Evanġelju skond San Luqa.**

Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet, daħlet għand Żakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija sselmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u mtliet bl-Ispirtu s-Santu u nfexxet f'għajta kbira u qalet: "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U mnejn ġieni dan li omm Sidi tiġi għandi? Hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej. Imbagħad qalet Marija: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu."

**Mill-kitbiet ta'Santa Marija Maddalena de'Pazzi.**

Marija tixtieq li fina jkun hemm dak li hemm fiha, jiġifieri l-għaqda ma' Alla. Hija tant twaħħdet mar-rieda tal-Missier li kienet lesta tagħtih lilha nnifisha biex tagħti sehemha fis-salvazzjoni tal-bnedmin.

4. ***Meta Sidna Ġesù twieled fl-għar fqajjar ta' Betlehem.***

**Mill-Evanġelju skond San Luqa.**

Marija għalqilha ż-żmien biex teħles, u wildet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda.

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Kif il-Maġi ġew immexxijin mill-kewkba lejn Ġesù, hekk aħna fid-dinja immexxijin mill-kewkba li hi Marija. Hija ma teħodniex fl-istalla imma twassalna għall-għaqda intima ma' Alla.

5. ***Meta Sidtna Marija ppreżentat lil Binha Ġesù fit-Tempju.***

**Mill-Evanġelju skond San Luqa.**

Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom, skond il-Liġi ta' Mosè, Marija u Ġużeppi ħadu lil Ġesù biex jippreżentawh lill-Mulej.
Kien hemm wieħed jismu Xmun, u x'ħin il-ġenituri daħlu bit-tarbija Ġesù, laqgħu fuq dirgħajh bierek lil Alla u qal: "Issa, O Sid tista' tħalli lill-qaddej tiegħek imur fis-skiet skont kelmtek għaliex għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek."

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Marija hija t-tempju tal-veru Salamun, Ġesù. L-art ta' dan it-tempju hija l-umiltà tagħha, il-ħitan huma l-virtujiet tagħha, il-palk tat-tempju huwa l-intellett imdawwal tagħha. Ir-rieda tagħha hi l-altar tat-tempju, u t-tvalja hija s-safa verġinali tagħha. Iċ-ċiborju huwa qalbha, is-seba' lampieri huma d-doni ta' l-Ispirtu s-Santu kollha preżenti fiha.

6. ***Meta Sidtna Marija tilfet lil Binha Ġesù u wara tlitt ijiem sabitu fit-tempju jitħaddet mad-dutturi.***

**Mill-Evanġelju skond San Luqa.**

Ta' kull sena l-ġenituri ta' Ġesù kienu jmorru Ġerusalemm għall-festa ta' l-Għid. Meta kellu tnax il-sena telgħu wkoll, skont id-drawwa. Wara li għaddew dawk il-ġranet qabdu t-triq lura, imma t-tfajjel Ġesù baqa' Ġerusalemm bla ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu.
Wara tlitt ijiem sabuh fit-tempju bil-qiegħda f'nofs l-għalliema, jismagħhom u jistaqsihom; u kull min semgħu baqa' mistagħġeb bid-dehen u t-tweġibiet tiegħu.
Kif rawh instamtu u ommu qaltlu: "Ibni għaliex għamiltilna hekk? Ara, missierek u jien konna qegħdin infittxuk, b'qalbna maqsuma!" U hu qalilhom: "Għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma

tafux li jiena għandi nkun f dak li hu ta' Missieri?"

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de'Pazzi.**

Marija hija l-mudell ta' min irid jimxi wara Kristu. Hija hi li tikxef lill-erwieħ l-imħabba tal-Iben; il-ħlejqa li timxi fuq il-passi tagħha tkun tista' tara lil Alla.

## Il-Misteri tad-Dawl

*(jingħadu nhar ta' Ħamis)*

1. ***Meta Sidna Ġesù Kristu tgħammed fil-Ġordan minn Ġwanni l-Għammied.***

**Mill-Evanġelju skond San Luqa.**

Ġara li, wara li tgħammed il-poplu kollu, Ġesù tgħammed ukoll u, waqt li kien qiegħed jitlob, is-smewwiet infetħu, u niżel l-Ispirtu s-Santu u deher fuqu fis-sura ta' ħamiema. U mis-sema ġie leħen jgħid: "Inti Ibni l-għażiż: fik sibt l-għaxqa tiegħi." Fil-bidu tal-ministeru tiegħu Ġesù kellu madwar it-tletin sena.

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Il-Ħaruf maqtul jistiednek timitah billi tinża' għal kollox minnek innifsek u mill-ħlejjaq kollha li

huma taħt it-treġija tiegħu. Ixxennaq u aħdem mela għall-imitazzjoni ta' dan il-Ħaruf. Dan ifisser li tinża' lilek innifsek u tilbes lilu, kif għallimna tajjeb l-Appostlu meta qal: "Ejjew nilbsu lis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu."

## 2. *Meta Sidna Ġesù Kristu wera s-sebħ tiegħu fit-tieġ ta' Kana.*

**Mill-Evanġelju skond San Ġwann.**

Imbagħad fit-tielet jum sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden hu wkoll għat-tieġ flimkien mad-dixxipli. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "M'għandhomx inbid". Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu". Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma". U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda". U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul f inbid.

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Il-Verb ta' Alla jibdel l-ilma f'inbid. Dan ifisser li jeħtieġ tibdel il-bruda f ħeġġa. F'dan hemm ħafna x'tagħmel għax bruda hemm bix-xaba'! Huwa meħtieġ li għat-tieġ l-għarusa tiżżejjen bl-aqwa tiżjin billi tissaffa minn kull ma' jħammrilha wiċċha. Dan ifisser li l-għarusa jeħtiġilha tinħasel fix-xmara li tgħaddiha minnha Marija.

3. ***Meta Sidna Ġesù Kristu ħalla d-dar ta' Ommu Marija u telaq għall-missjoni pubblika tiegħu*.**

**Mill-Evanġelju skond San Luqa.**

Kotra kbira ta' nies kienet miexja miegħu; hu dar lejhom u qalilhom: "Min jiġi għandi ma jistax ikun dixxiplu tiegħi jekk ma jobgħodx lil missieru u 'l ommu u lil martu u lil uliedu, 'l ħutu subjien u bniet, u saħansitra lilu nnifsu. Min ma jerfax salibu u jimxi warajja ma jistax ikun dixxiplu tiegħi.

**Mill-kitbiet ta'Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

U rajt lil Ġesù jħalli d-dar biex jaqbad triqtu lejn Ġerusalemm: "O Verb, lanqas lil Ommok ma' stmellejt li tonqos, meta tlaqt mid-dar! Imma dan għamiltu biex hi tagħti iktar frott. Għax hekk tagħmel int ma' dawk li l-aktar tħobb, biex issebbaħhom sa minn din l-art iġġarrabhom bin-niket, bħalma għamilt ma' Marija. Oh! Ifhem u ara ruħ tiegħi sabiex tieħu sehem f'din l-opra tal-fidwa!" U rajt lil Ġesù jinżel għarkopptejh jitlob l-aħħar barka ta' omm lil Ommu, u hi ukoll niżlet għarkopptejha titolbu jberikha. "Oh x'sogħba dan it-tluq! Oh Marija, imma kemm xtaqtu dan il-jum! Jum il-firda li tgħaqqad!

4. ***Meta Sidna Ġesù Kristu beda jxandar is-Saltna ta' Alla b'sejħa għall-konverżjoni.***

**Mill-Evanġelju skond San Mark.**

Wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Galilija jxandar il-Bxara t-Tajba ta' Alla u jgħid: "Iż-żmien huwa mitmum u s-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba."

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Bħala ragħaj tassew tal-Knisja, il-Verb jaqbad il-ħatar ta' mħabbtu, isejjaħ lil kulħadd għall-konverżjoni, iwiegħed is-Saltna tas-smewwiet u jgħid: Duru lejja b'qalbkom kollha. Huwa mbagħad imur iqassam il-grazzji divini tiegħu u jimla' lil kulħadd bid-doni tiegħu, waqt li jistedinna u jsejħilna b'imħabba kbira ħalli jdewwaqna u jurina t-tjieba tiegħu.

5. ***Meta Sidna Ġesù Kristu wera l-glorja tiegħu lill-Appostli fit-Trasfigurazzjoni***

**Mill-Evanġelju skond San Luqa.**

Ġesù ħa miegħu lil Pietru, lil Ġwanni u 'l Ġakbu, u tala' fuq muntanja biex jitlob. U ġara li huwa u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbies tiegħu sar ta' bjuda li tgħammex. U kien hemm żewġt' irġiel jitħaddtu miegħu, Mosè u Elija, li dehru fil-glorja jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu.

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi**.

Ir-ruħ b'għajnejha fuq dawk ta' Ġesù tara lilha nnifisha f'Alla u tara lil Alla f'kollox. Tara wkoll in-nuqqas ta' ħila tagħha u għalhekk tagħraf u tara li Alla biss jiflaħ iżomm lilu nnifsu. Ir-ruħ li dduq lil Alla idduq kull ħaġa oħra b'mod tajjeb hekk li saħansitra toħroġ il-ġid mill-istess difetti...għax kollox huwa possibli għar-ruħ namrata ma' Alla...hekk li hija tasal li tagħmel dak li jagħmel Alla.

6. ***Meta Sidna Ġesù Kristu waqqaf l-Ewkaristija bħala s-Sagrament tal-Misteru tal-Għid.***

**Mill-Evanġelju skond San Mark.**

Huma u jieklu, ħa f'idejh il-ħobż, qal il-barka, qasmu, newwilulhom u qal: "Ħudu, dan hu ġismi". Imbagħad ħa l-kalċi f idejh, radd il-ħajr, u newwilulhom, u lkoll xorbu minnu. U qalilhom: "Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għall-kotra. Tassew, ngħidilkom, li ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa dakinhar li nixrob inbid ġdid fis-Saltna ta' Alla".

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Fl-aħħar ikla, il-Verb qal: "Kelli xewqa kbira". Il-ħlejqa wkoll tista' ttenni dan il-kliem, għax il-

Verb jasal biex tant iħobb lill-istess ħlejqa b'xewqa kbira li jagħtiha lilu nnifsu bħala ikel u nutriment; jagħtiha wkoll l-istess umanità tiegħu, ix-xewqat safja u l-imħabba tiegħu, il-kliem u l-għemil tiegħu li huwa wettaq bħala bniedem sakemm jasal biex fl-aħħar jibdel lir-ruħ kollha fih.

## Il-Misteri tat-Tbatija

*(jingħadu nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa)*

1. ***Meta Sidna Ġesù Kristu talab fil-ġnien taż-Żebbuġ u għaraq l-għaraq tad-demm.***

**Mill-Evanġelju skond San Luqa.**

Ħareġ u mar bħas-soltu fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, u d-dixxipli wkoll marru miegħu. Inxteħet għarkopptejh jitlob u jgħid: "Missier, jekk inti trid warrab minni dan il-kalċi! Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi. Ħass dwejjaq tal-mewt fuqu u beda jitlob b'ħerqa akbar. L-għaraq sarlu bħal qtar tad-demm iċarċar sa' l-art.

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Maħbub tiegħi għandek id-dwejjaq! Issa m'għadekx aktar qawwi imma dgħajjef u kollok dieqa. O Mħabba, min se jsabbrek? Kulħadd rieqed! O Pietru x'inti tagħmel, torqod? Ġwanni

wkoll? Rieqed? L-ieħor ukoll! Jorqod! O Mħabba kulħadd baqa' rieqed?!

2. ***Meta lil Sidna Ġesù Kristu rabtuh mal-kolonna u fflaġellawh.***

**Mill-Evanġelju skond San Mark.**

Pilatu mbagħad biex jogħġob lin-nies, telqilhom lil Barabba, u lil Ġesù, wara li tah is-swat, tahulhom biex isallbuh.

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Maħbub, issa ma' nistax ngħid mal-profeta: *Ebda deni ma jiġrilek u ebda daqqa ma tersaq lejn darek*. Għaliex qegħdin isawwtuk tant? X'għamilt? X'jonqos fik? Imħabba? Forsi għerf? Jonqos it-tjubija? Tonqos il-ħniena? Hemm forsi nieqsa fik l-imħabba?

3. ***Meta Sidna Ġesù Kristu ġie nkurunat bil-kuruna tax-xewk.***

**Mill-Evanġelju skond San Mark.**

Is-suldati ħaduh magħhom ġewwa fil-palazz. Libbsuh ilbies aħmar skur, u qegħdulu fuq rasu kuruna minsuġa mix-xewk. U bdew isellmulu: "Is-sliem għalik sultan tal-Lhud".

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Imħabba, inti ridt tkun inkurunat bix-xewk sabiex tinkuruna lill-maħbubin tiegħek bil-glorja tas-sema. Imħabba, min jistħoqqlu l-aktar il-kuruna tax-xewk li tant iniggeż, l-Imħabba jew il-maħbuba? Imħabba, lili tistħoqq dik il-kuruna! Agħtihieli, agħtiha lili o Mħabba!

4. ***Meta Sidna Ġesù Kristu ġie mgħobbi bis-salib mingħand Pilatu sal-Kalvarju.***

**Mill-Evanġelju skond San Mattew.**

Is-suldati ħadu lil Ġesù magħhom biex isallbuh. Huma u sejrin sabu raġel minn Ċireni, jismu Xmun, u ġagħluh jerfagħlu s-salib.

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Imħabba, mhux li nista' ngħinek iġġorr ftit is-salib! mhux bħal Xmun iċ-Ċirinew tafx, imma biex inbati miegħek, Imħabba! Daħħalni fik, jiena ma nħallik qatt, ukoll jekk ma ddaħħalnix fik. U meta tiġi s-siegħa li jniżżluk minn fuq is-salib, għażel lil qalbi bħala qabar.

5. ***Meta Sidna Ġesù Kristu ġie mislub u wara tliet sigħat ta' agunija miet.***

**Mill-Evanġelju skond San Ġwann.**

Sallbuh ma tnejn oħra, wieħed kull naħa, u Ġesù fin-nofs. Pilatu għamel kitba u waħħalha fuq is-salib; fiha kien hemm miktub: "Ġesù ta' Nazaret, is-sultan tal-Lhud". Wara dan, Ġesù, billi kien jaf li kollox kien mitmum, qal: "Kollox hu mitmum!". Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu.

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Inwaħħlu f'moħħna l-ħames pjagi tal-Kurċifiss, għax insibu fihom ir-rifless ta' l-imħabba ta' Kristu u l-ġid kollu li tana b'mewtu. Ġesù, il-Verb magħmul bniedem u msallab, għandu jkun il-punt ta' riferiment għal ħajjitna u lilu għandna nagħtu l-ewwel tweġiba ta' mħabba u foħrija.

6. ***Marija Addolorata tikkontempla lil Ġesù Binha Msallab***

**Mill-Evanġelju skond San Ġwann.**

Kien hemm wieqfa taħt is-salib ta' Ġesù, ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa u Marija ta' Magdala. Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu l-maħbub wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara hawn hu ibnek". Imbagħad qal lid-

dixxiplu: “Hawn hi ommok”. U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Il-Verġni Marija kienet imżejna bil-virtù tat-temperanza, għax għalkemm batiet niket kbir minħabba Binha l-għażiż, u bkietu bi lfieq liema bħalu, hija għamlet dan b’modestja kbira u bi mġieba xierqa lil waħda li kienet żgura mill-Qawmien mill-Imwiet. Hekk li mal-baħar ta’ niket u dieqa għaqqdet il-faraġ tal-ħajja ta’ dejjem.

# Il-Misteri tal-Glorja

(*jingħadu nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ħadd*)

1. ***Meta Sidna Ġesù Kristu qam minn bejn 1-Imwiet.***

**Mill-Evanġelju skond San Ġwann.**

Marija baqgħet ’il barra mill-qabar, tibki...daret lura u rat lil Ġesù wieqaf, iżda ma ntebħitx li kien Ġesù. Ġesù qalilha: “Mara, għalfejn qegħdha tibki? Lil min qegħdha tfittex?” Hi ħasbet li kien il-ġennien, u qaltlu: “Sinjur jekk ħadtu int minn hawn, għidli fejn qegħdtu, u jiena nġibu lura. Ġesù sejħilha: “Marjam!”.  Hi daret u qaltlu bil-Lhudi: “Rabbuni!” jiġifieri “Mgħallem”.

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Ma konniex nistgħu nirċievu demmek li kieku ma qomtx mill-imwiet, għaliex xi frott ikollha r-ruħ li tirċevik jekk qabel ma tkunx għarfitek fil-passjoni, l-mewt, midfun u rxuxtat? X'ġid jagħmel lir-ruħ jekk ma tirriflettix li inti dħalt għall-passjoni, ġejt midfun u rxuxtajt għaliha, u jekk ma tfittixx li timitak?

**2.** ***Meta Sidna Ġesù Kristu tela' s-sema.***

**Mill-Atti ta' 1-Appostli.**

Huma u jħarsu lejh, Ġesù kien meħud ’il fuq, u sħaba ħaditulhom minn quddiem għajnejhom. Waqt li kienu b'għajnejhom fis-sema jħarsu lejh sejjer, f’daqqa waħda dehru ħdejhom żewġt’ irġiel lebsin l-abjad u qalulhom: “Irġiel tal-Galilija, x'intom tħarsu lejn is-sema? Dan Ġesù, li kien meħud minn magħkom lejn is-sema għad jerġa’ jiġi kif rajtuh sejjer”.

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Bl-Umanità Qaddisa ta' Ġesù nfetħitilna l-Ġenna u ngħalaq bieb 1-Infern. Biha ngħixu tassew, u biha għandna l-grazzja ta' Alla u d-doni tal-Ispirtu s-Santu u dak kollu li huwa tajjeb. B'din l-Umanità Qaddisa nkunu msebbħin fis-sema u biha l-Missier iħares lejna u jaħfrilna .

3. ***Meta Sidna Ġesù Kristu bagħat l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli.***

**Mill-Atti tal-Appostli.**

Ilkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija, omm Ġesú u ma' qrabatu. Kien nhar Għid il-Ħamsin, u huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra.

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Marija wkoll kienet tistenna l-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu li kien imwiegħed. Kien permezz tiegħu li mantniet fiha l-Verb. Marija hija eżempju għar-ruħ li tixtieq lil Alla fiha b'xewqa ta' mħabba dejjem ġdida.

4. ***Meta Sidtna Marija ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem.***

**Mill-Ktieb ta' l-Apokalissi.**

Deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha.

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Biex nitilgħu ma' Marija fis-sema jeħtieġ li jkollna ġisem safi, hena tal-qalb u rieda ħielsa. Jeħtieġ niftakru dejjem fil-ġid li Alla għamel magħna, ikollna intenzjoni retta u verità fil-kliem, sempliċità fl-għemil u mortifikazzjoni tas-sensi.

5. ***Meta Sidtna Marija ġiet inkurunata mit-Trinità Qaddisa u mgħollija 'l fuq mill-kori kollha ta' l-anġli.***

**Mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija.**

Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej, taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi, għax hu libbisni bi lbies is-salvazzjoni, bil-mantar tal-ġustizzja għattieni, bħal għarus imżejjen b'kuruna, bħal għarusa tlellex bil-ġawhar tagħha.

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Marija, l-għaxqa tat-Trinità Qaddisa għandha fiha lil Sid il-ħajja. Li kieku ma kenitx Marija għalina, ma kienx ikun hemm la l-Ġenna u lanqas l-istess Alla għalina.

## 6. *Il-Patroċinju Waħdieni tal-Verġni Mqaddsa Marija fuq l-Ordni Karmelitan*

**Mill-Ktieb ta’ Ġuditta.**

"Mbierka int, binti, minn Alla l-Għoli, mbierka fost in-nisa kollha tad-dinja; u mbierek il-Mulej Alla, li għamel is-smewwiet u l-art, li wasslek biex qtajt ras il-kap ta' l-għedewwa tagħna. It-tama li kellek ma tgħib qatt minn qalb il-bnedmin, huma u jiftakru fil-qawwa ta' Alla. Jalla l-Mulej jagħmel li dan ikun ta' tifħir għalik għal dejjem u jżurek b' kull ġid, għax int ma bżajtx għal ħajtek meta rajt lil pajjiżna batut, imma ħriġt tilqa' kontra r-rovina li kienet theddidna, u bqajt miexja dritta fit-triq ta' Alla tagħna."

**Mill-kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi.**

Rajt lill-Verġni Marija liebsa mantell mill-isbaħ kollu ġawhar, li huma l-virtujiet tagħha. Hi kienet iżżommu miftuħ b’xewqa kbira li l-ħlejjaq kollha jidħlu taħtu. Għall-irdoss tal-mantell rajt lill-Karmelitani u lili magħhom. Marija b’tjieba kbira kienet qegħdha tqassam il-ġawhar tal-mantell… lili tatni ġawhra ħamra sabiħa għall-Imħabba u ġawhra oħra vjola għall-Umiltà.

# *It-Talb tal-Għeluq*

*Wara l-meditazzjoni tal-misteri tal-fidwa tagħna jista' jingħad it-talb li ġej:*

1. Sliem għalik Sultana...
2. **Skond il-fehma tal-Papa u għall-bżonnijiet tiegħu:** Missierna, Sliem għalik, Glorja...
3. **Għall-Erwieħ tal-Purgatorju**: Agħtihom, Mulej il-mistrieħ ta' dejjem..., Missierna, Sliem għalik, Glorja...
4. **V./** Verġni l-Aktar Safja qabel it-twelid
   **R./** *Omm Alla itlob għalina.*
   Sliem għalik...
   **V./** Verġni l-Aktar Safja fit-twelid
   **R./** *Omm Alla itlob għalina.*
   Sliem għalik...
   **V./** Verġni l-Aktar Safja wara t-tvelid
   **R./** *Omm Alla itlob għalina.*
   Sliem għalik...

5. Glorja (*għal tliet darbiet*)

# Il-Litanija tal-Madonna

Mulej ħniena, *Mulej ħniena*
Kristu ħniena, *Kristu ħniena*
Mulej ħniena, *Mulej ħniena*

Kristu, ismagħna, *Kristu, ismagħna*
Kristu, ilqa' t-talb tagħna
*Kristu, ilqa' t-talb tagħna*

Missier Etern Alla *Ħenn għalina*
Iben Alla li fdejt id-dinja
Spirtu Qaddis Alla
Trinità Qaddisa, Alla Wieħed

Omm Alla *Itlob għalina*
Omm il-Feddej
Omm ta' Kristu
Omm li tagħtina s-Salvatur
Omm li ssejħilna għat-talb
Omm li ssejħilna għall-penitenza
Omm li taqla' l-konverżjoni tal-midinbin
Omm l-aktar ħanina
Omm ta' Kristu, l-inbid il-ġdid tagħna
Omm li f Kana tistedinna nisimgħu minn Ġesú
Omm ta' Kristu glorjuż fuq it-Tabor
Omm ta' l-Iben il-Waħdieni tal-Missier
Omm ta' Kristu li jitmagħna lilu nnifsu
fl-Ewkaristija
Omm li taħt is-salib
tgħinna nifhmu l-imħabba ta' Alla
Omm mimlija bil-ferħ ta' l-Għid
Omm li tiġbor il-Knisja fl-istennija
ta' Għid il-Ħamsin
Omm il-Knisja
Omm li ġejt merfugħa fis-sema ħdejn Ibnek
Omm li ġġib il-paċi
Omm li tgħaqqad il-familja

Qaddejja tal-Mulej

Marija, mudell ta' min jikkontempla Wiċċ Kristu

Marija, li nissilt lil Kristu fi ħdanek
Marija, xbieha perfetta ta' Kristu
Marija, mara li tgħix fi Kristu
Marija, mara li tgħix għal Kristu
Marija, inti tirrifletti lil Ġesú Kristu
Marija, inti tferraħna bil-preżenza ta' Kristu fik
Marija, inti li kull nisel isejjaħlek hienja
Marija, li fit-twelid ta' Ibnek tferraħ ir-rgħajja
Marija, li mnikkta ma' Ġużeppi
mort tfittex lil Ġesú fit-tempju
Marija, inti tfakkarna li Ġesú
hu s-Salvatur waħdieni tagħna
Marija, li f'Kana tiftaħ qlub id-dixxipli għall-fidi
Marija, li mingħandek nistennew
il-frott imbierek ta' ġufek
Marija, li nissilt il-Ġisem Mistiku ta' Kristu
Marija, membru l-aktar għoli tal-Knisja
Marija, xbieha perfetta tal-Knisja
Marija, inti tidhol għalina
Marija, inti twassal talbna quddiem Alla
Marija, inti turina t-Triq
Marija, inti tidħol għalina quddiem Ġesú
Marija, inti twassal ħtiġijietna quddiem Ġesú
Marija, inti santwarju ta' l-Ispirtu s-Santu
Marija, inkurunata bil-glorja
Marija, Omm, Għalliema u Mexxejja tagħna
Marija, Omm li żżomm ħajja fostna t-tifkira ta' Ġesú

Verġni Marija
Verġni li bl-iva tiegħek ħaddant l-umanità
Verġni ta' Nażaret
Verġni li xxandar lil Kristu

Verġni tar-Rużarju
Verġni Karmelitana
Kewkba tal-Evanġelizzazjoni l-Ġdida
Sultana ta' l-anġli u l-qaddisin

Ħaruf ta' Alla li twelidt minn Marija
*Aħfrilna nitolbuk Mulej*
Ħaruf ta' Alla li waħdek tneħħi d-dnub tad-dinja
*Ismagħna nitolbuk Mulej*
Ħaruf ta' Alla issagrifikat għalina
*Ħenn għalina*
Ħaruf ta' Alla rebbieħ fuq il-mewt
*Agħtina l-paċi*

**Talba**

O Alla, int ridt li mat-tħabbira ta' 1-Anġlu, l-Iben tiegħek isir bniedem fil-ġuf safi tal-Verġni Mqaddsa Marija; agħtina nitolbuk, lilna li nistqarruha Omm Alla, li nkunu mgħejjunin mit-talb tagħha. Bl-istess Kristu Sidna. Amen.